**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, il-Ħamis, għaxra (10) ta' Ottubru 2024

Kawża Nru 15/2024

**Ir-Repubblika ta' Malta**

vs

**Ruben Said**

**Ruben Camilleri**

Il-Qorti rat l-akkużi miġjuba kontra **Ruben Said**, iben Michael Said u Lucy nee' Grech, imwieled Rabat, Għawdex fil-ħmistax (15) ta' Lulju 1975 u residenti "Rosmar Court", Triq iż-Żernieq, Nadur, Għawdex detentur tal-karta ta' l-identità 16275(G) u **Ruben Camilleri**, iben Michael Camilleri u Felicia nee' Vella, imwieled Rabat, Għawdex fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju 1981, residenti Ta' Għannieqa, Triq Franġisk Attard, Nadur u

detentur tal-karta tal-identità 17981(G) talli, nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta’ Novembru 2023 f’xi ħin bejn it-tmienja (20:00hrs) u t-tmienja u kwart (20:15hrs) ta’ filgħaxija ġewwa Nadur Youngsters Football Club, Triq Diċembru Tlettax, Nadur, Għawdex u/jew fi bnadi oħra f’dawn il-Gżejjer Maltin:

(1) mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu il-ħajja ta’ Peter Paul Said f’perikolu ċar, ikkaġunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tal-istess Peter Paul Said, u ċioe’ offiża ta’ natura gravi;

(2) aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, għamlu inġurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kienu pprovokati, inġurjaw lil Peter Paul Said b’mod li ħarġu barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

(3) aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, ħebbew kontra l-persuna ta’ Peter Paul Said sabiex jinġurjawh, idejjquh jew jagħmlu ħsara lilu jew lil ħaddieħor, kemm-il darba dan il-fatt ma jkunx jaqa’ taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali;

(4) aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, b’xi modijiet oħrajn mhux imsemmijin band’oħra fil-Kodiċi Kriminali, kisru volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Il-Qorti ġiet wkoll ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Peter Paul Said billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali.

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti ġiet gentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjoni tal-artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi.

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti ġiet gentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi.

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sitta u għoxrin (26) ta' Settembru 2024[1] li permezz tagħha bagħtet lill-imputati sabiex jiġu ġġudikati minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif mahsub taht:

---

[1] Fol. 88 u 89 tal-proċess.

(a) Fl-artikolu 214, 215, 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; kif wkoll;
(b) Fl-artikoli 338(dd) u 339(a)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikoli 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(d) Fl-artikoli 15A, 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(e) Fl-artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(f) Fl-artikoli 532A,, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi waqt l-udjenza tat-tnejn (2) ta' Ottubru 2024 ġew moqrija l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali fis-sitta u għoxrin (26) ta' Settembru 2024;

Rat illi waqt dik l-istess seduta l-imputati iddikjaraw li ma kellhomx oġġezzjoni sabiex il-każ tagħhom jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti bi proċedura sommarja;

Rat illi waqt l-istess seduta tat-tnejn (2) ta' Ottubru 2024, il-Prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-każ u b'hekk għalqet il-provi tagħha;

Semgħet liż-żewġ imputati jixhdu minn jeddhom u b'mod volontarju;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat;

Il-fatt tal-każ huma s-segwenti: nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru 2023 għall-ħabta tat-tmienja u għoxrin ta' filgħaxija (08:20hrs) il-Pulizija fl-Għassa tar-Rabat, Għawdex rċeviet telefonata mingħand Ruben Said li kien hemm argument ġewwa l-klabb tal-footbal tan-Nadur. Hekk kif uffiċjali tal-Pulizija kienu ħerġin mill-Għassa biex imorru n-Nadur, daħal l-Għassa ċertu Peter Paul Said fejn dan qal lill-Pulizija li kien muġugħ ħafna. L-istess Peter Paul Said informa lill-Pulizija li kien għadu kemm kien involut f'argument ma' Ruben Said ġewwa l-klabb tal-football tan-Nadur. Ġiet imsejħa ambulanza l-Għassa u Peter Paul Said ittieħed l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Peter Paul Said ġie ċertifikat li kien qed isofri minn ġrieħi ta' natura gravi.

Ikkunsidrat:

La darba qegħdin f'forum penali, jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li hija tressaq l-aħjar prova biex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputati huma veri. Dan għaliex kif jgħid il-**Manzini** fil-ktieb tiegħu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890): *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Għal dikjarazzjoni ta' ħtija ta' imputat huwa necessarju li l-imputazzjoni jew imputazzjonijiet attribwiti lilu jiġu pruvati *oltre* kull dubju raġjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 il-Qorti tagħmilha ċara li mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex l-imputat jiġi liberat mill-akkużi; hemm bzonn li tali dubju jkun "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*". F' sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*": *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice"*.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tevalwa u tara jekk ir-reati indikati fin-nota ta' rinviju ta' ġudizzju tal-Avukat Ġenerali irriżultawx mill-provi miġjuba quddiem din il-Qorti.

## A. ***Artikoli 214, 215 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (L-Ewwel Imputazzjoni)***

Mix-xhieda kollha li ressqet il-Prosekuzzjoni in sostenn tal-każ tagħha, l-unika xhud li stqarr li kien ġie aggredit mill-imputati kien biss il-parte civile inniffsu Peter Paul Said. Ma kien hemm l-ebda xhud ieħor li ikkorrabora l-verżjoni tal-istess parte civile. B'daqshekk pero ma jfissirx li din il-Qorti għandha awtomatikament tillibera: il-verita ma tiġix stabbilita minn kemm jkun hemm xhieda li jsostnu verżjoni partikolari. Il-verita tiġi stabbilita wara li wieħed jevalwa l-kredibbilita tal-verżjonijiet mogħtija. Kif jistabilixxi l-artikolu 637(2) tal-Kap. 9: *"B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar."*

Il-mistoqsija essenzjali li din il-Qorti trid issib tweġiba għaliha hija jekk abbażi tax-xhieda tal-parte civile tistax tasal biex issib ħtija fl-imputati

għall-imputazzjonijiet li qegħdin jiġu addebitati lilhom mill-Avukat Ġenerali. Dan definittivament jirrikjedi eżami approfondit tax-xhieda mogħtija mill-istess parte civile u tad-dikjarazzjonijiet li huwa għamel lill-Pulizija. Il-Qorti fliet fid-dettal l-atti u tirrileva s-segwenti punti ta' interess:

(1) Peter Paul Said jitkellam dwar l-allegat inċident fi tlett (3) okkażżjonijiet differenti. L-ewwel okkażżjoni kienet meta huwa ġiet mitkellem mill-Pulizija fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru 2023 fil-ħdax ta' filgħaxija (23:00hrs) fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Dan kien kważi tlett (3) sigħat wara li kien seħħ l-allegat każ. **Dak li kien seħħ għalhekk suppost li kien għadu pjuttost frisk f'moħħ il-parte civile.** Peter Paul Said stqarr mal-Pulizija li aktar kmieni dakinhar huwa kien mar il-każin tal-football tan-Nadur sabiex jieħu birra. Hemmhekk kien hemm Ruben Camilleri. Peter Paul Said qal li huwa qal xi ħaġa lil Ruben Camilleri, dan ħa fastidju u tah daqqa ta' banketta ġo ġenbu. Peter Paul Said sostna li bid-daqqa huwa waqa', reġa' qam u telaq lejn l-Għassa biex jagħmel rapport. Ta' min jinnota li f'dan l-istadju l-parte civile ma indikax li l-imputat Ruben Said kien għamillu xi ħaġa; semma' biss lill-imputat Ruben Camilleri;

(2) It-tieni okkażżjoni kien meta Peter Paul Said irrilaxxa stqarrija lill-Pulizija fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Diċembru 2023. Fil-bidu tal-istqarrija l-istess Peter Paul Said jgħid li qatt ma kellu problemi

ma' Ruben Said u Ruben Camilleri. Sussegwentement pero fl-istess stqarrija jgħid li dakinhar tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru 2023 huwa kien mar il-każin tal-football tan-Nadur. Qal li Ruben Said u Ruben Camilleri bdew jargumentaw miegħu. Lil Ruben Camilleri, Peter Paul Said qallu li kien Pulizija. Sadanittant huwa qal lil Ruben Said li hu (cioe Peter Paul Said) ried ir-ritratt ta' ħuh li kien hemm imdendel fil-każin. Ruben Said qallu biex ir-ritratt iħallieh hemm u beda jimbuttah 'l barra. Miegħu mar Ruben Camilleri li beda jagħtih. Ruben Camilleri u Ruben Said ħarġuh 'l barra u baqgħu t-tnejn li huma jagħtuh bil-ponn. Peter Paul Said waqa' mal-art u x'ħin kien mal-art huwa spjega li ż-żewġ imputati bdew jagħtuh bis-sieq ġol-kustilji. Peter Paul Said qal wkoll li Ruben Camilleri tah daqqiet bil-banketta ġol-kustilji.

(3) It-tielet okkażżjoni kienet meta huwa xhud quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju 2024. Għalkemm fil-bidu tax-xhieda tiegħu, il-parte civile insista li huwa jiftakar kollox u li *"Jien tista' tgħaddi mitt sena u niftakar",*[2] f'din ix-xhieda l-parte civile litteralment ma kellux idea meta kien ġara l-każ li kien qed jixhed fuqu. Stqarr li ż-żewġ imputati imbuttawh 'l barra u tawh it-tnejn bil-ponn kif wkoll tawh bil-banketta. Fuq mistoqsija tal-Qorti, il-parte civile spjega li l-banketta li tawh biha kienet tal-ħadid u l-parti ta' fuq tagħha kienet tal-injam;

[2] Fol. 43 tal-proċess.

(4) miċ-ċertifikat mediku esebit, l-uniku ferita li ġiet riskontrata fuq il-persuna tal-parte civile kienet pneumothorax ta' ċirka tlett (3) ċentimetri, preċiżament arja bejn iż-żewġ *layers* tal-pulmun. Feriti jew tbenġil viżibbli ma ġewx riskontrati kif sewwasew ikkonferma it-tabib li ra lill-parte civile fid-Dipartiment tal-Emerġenza kif wkoll l-espert mediku nominat minn din il-Qorti fuq talba tal-Uffiċjali Prosekuturi, wara li dan tal-aħħar ra n-notamenti kliniċi.

Abbażi tas-suespost, il-Qorti tinnota li m'hemmx konsistenza fid-diversi verżjonijiet li ta lill-parte civile dwar l-akkadut:

- *a tempo vergine* jgħid biss li huwa laqqat daqqa ta' banketta mingħand Ruben Camilleri u ma jsemmi xejn aktar;

- meta huwa kien qed jagħti l-istqarrija tiegħu lill-Ispettur illum Supretendent Bernard Charles Spiteri, huwa jgħid li ż-żewġ imputati tawh bil-ponn u bis-sieq, apparti d-daqqa bil-banketta ġol-kustilji mingħand Ruben Camilleri;

- meta kien qed jixhed quddiem din il-Qorti, Peter Paul Said isemmi biss li huwa ingħata daqqiet bil-ponn miż-żewġ imputati u li l-istess żewġ imputati tawh wkoll bil-banketta. Ma jsemmix li huwa ingħata daqqiet ta' sieq. F'din il-verżjoni jgħid wkoll li Ruben Said kien tah bil-banketta wkoll, meta sa dakinhar kien għadu qatt ma

semma li Ruben Said tah bil-banketta. Jispeċifika wkoll – dettal li ma jsemmiehx fil-verżjonijiet ta' qabel – li l-banketta kienet tal-ħadid bil-parti ta' fuq tal-injam.

Wieħed jifhem li forsi dak li jkun jista' jinsa jew jitfixkel f'ċertu dettalji. Pero hawnhekk qegħdin nitkellmu fuq l-essenzjal dwar kif seħħ l-inċident. Ma jistax jkun li wieħed li jkun ġie aggredit u li baqa' f'sensieh tul l-aggressjoni kollha ma jkunx ċar u inekwivoku dwar min kien li aggredieh, kif svolġiet l-istess aggressjoni u bl-liema mod ġie aggredit. Dan pero ma kienx il-każ hawnhekk. Kif senjalat hemm diverġenzi bejn dak li qal il-parte civile a tempo vergine, dak li qal lill-Pulizija fid-dikjarazzjoni tiegħu u dak li qal meta xehed quddiem din il-Qorti. Din il-Qorti issibha diffiċli ferm biex tirrikonċilja dawn il-verżjonijiet ma' xulxin. Allura dan bil-fors li jwassal lill-Qorti biex ikollha dubji serji dwar il-kredibbilita tal-parte civile.

Punt ieħor kruċjali li wkoll ikompli jdgħajjef il-każ tal-Prosekuzzjoni huwa l-fatt li apparti l-*pneumothorax* – li ħarġet biss għax ittieħed X-Ray meta l-parte civile kien qiegħed l-Isptar u mhux għax kienet viżibbli to the *naked eye* – ma kien hemm l-ebda feriti oħra, lanqas biss sempliċi tbenġila fuq il-persuna tal-parte civile. Tenut kont tal-aggressjoni li l-parte civile jgħid li sofra – kif senjalat huwa qal li laqqat daqqiet bil-ponn, f'verżjoni minnhom jgħid wkoll li laqqat daqqiet bis-sieq kif wkoll daqqiet b'banketta bis-sieq tal-ħadid u bil-parti ta' fuq tal-injam – ma jistax jkun li ma tirriżulta l-ebda tbenġila. Huwa verament diffiċli biex

ma jgħidx impossibbli li wieħed ilaqqat xebgħa ponn u daqqiet bis-sieq jew inkella daqqa b'oġġett iebes u ma jkollu lanqas l-iċken ferita fuq ġismu. Lanqas ma rriżultaw feriti li jindikaw li l-parte civile laqa' għal daqqiet li seta' kien qed jingħata u li possibilment kien għalhekk li ma kellux tbenġil f'ġenbu. Il-verita hi li l-parte civile lanqas girfa waħda ma kellu!!

Anke li kieku għall-grazzja tal-argument wieħed kellu għall-mument wieħed jassumi li l-parte civile laqqat xi daqqa mingħand l-imputati, xorta dan il-fatt waħdu ma jistax jiġi kunsidrat bħala l-kawża unika u esklussiva tan-pnemotharax li ġiet riskontrata fuq il-persuna tal-parte civile x'ħin huwa daħal l-Isptar dakinhar tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru 2023. Kif irriżulta mill-provi prodotti, il-parte civile hekk kif kien ħiereġ mill-każin tal-football tfixkel f'kartuna li kienet qed isservi ta' tapit ħdejn il-bieb tal-bar u waqa' fl-art u kellu jiġi mgħejjun biex iqum. Huwa possibbli għalhekk li din il-kundizzjoni irriżultat minħabba din il-waqgħa. Di piu l-istess espert mediku nominat mill-Qorti jindika li tali kundizzjoni medika tista' tirriżulta wkoll b'mod spontaneju mingħajr ma jkun seħħ l-ebda inċident. Għalhekk lanqas teżisti ċ-ċertezza li torbot l-kundizzjoni ma' xi daqqa li seta' rċieva l-parte civile mingħand xi ħadd.

Finalment, il-verżjonijiet li jagħtu x-xhieda okulari tal-inċident Rosette Sillato Said, Lucienne Said u Andrea Caruana xejn ma jgħinu lit-teżi tal-Prosekuzzjoni. Dawn it-tlett persuni ilkoll jipprovdu verżjoni waħda ta' kif żviluppa l-inċident: jgħidu kif Peter Paul Said daħal fil-każin tal-

football tan-Nadur u talab birra. F'ħin minnhom dar fuq Ruben Camilleri u beda jgħidlu li kien Pulizija u li kien arrestah u li kien se jaħraq lill-Pulizija kollha. Għalkemm lil Peter Paul Said ippruvaw jispjegawlu li kellu żball, huwa ma riedx jifhem. F'punt minnhom ipprova jmur għat-tazzi tal-ħġieġ li kien hemm fuq il-bank tal-bar. F'dan il-punt indaħal Ruben Said biex jipprova jikkalmah u beda jiddireġieh biex joħroġ 'l barra mill-każin. It-tlett xhieda jikkonfermaw kif huwa u ħiereġ Peter Paul Said tfixkel fil-kartuna li kien hemm fejn il-bieb u waqa'. Ruben Said mar jipprova jgħinu jqum iżda hu ma riedx jaf; anzi Peter Paul Said rvilla aktar u beda jixħet is-siġġijiet u l-imwejjed li kien hemm barra.

Minkejja li l-imputati setgħu ipprevalixxew ruħhom mid-dritt tas-silenzju, huma għażlu li jixhdu f'dawn il-proċeduri. Din il-Qorti qabblet il-verżjoni li taw iż-żewġ imputati meta xehdu quddiem din il-Qorti mal-istqarrijiet li huma kienu marru taw **minn jeddhom** lill-Pulizija fis-sitta u għoxrin (26) ta' Novembru 2023 u ċioe' jumejn biss wara li seħħ il-każ. Din il-Qorti ma tistax ma tinnutax il-konsistenza tal-verżjonijiet mogħtija mill-istess imputati; u dan kuntrarju għal dik tal-parte civile. Dan apparti l-fatt li m'hemm l-ebda diskrepanza bejn dawn il-verżjonijiet kif wkoll dak tax-xhieda okulari l-oħra li kienu preżenti għall-inċident.

Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti għalhekk tqis il-verżjoni mogħtija mill-parte civile bħala **assolutament mhux kredibbli**: din il-Qorti hija konvinta li kuntrarjament għal dak li sostna l-parte civile ma kien hemm l-ebda aggressjoni jew kollutazzjoni da parti taż-żewġ imputati fil-

konfront tal-istess parte civile. L-unika ħaġa li għamlu ż-żewġ imputati kien li idderiġew lill-parte civile 'l barra mill-każin tal-football u raw li ma jerġax jidħol fl-istess każin biex jipproteġu lill-membri tal-familja tagħhom (inkluż tfal żgħar li kienu magħhom) li inzertaw kienu qegħdin fl-istess każin dak il-ħin. Ma jirriżultax li l-istess żewġ imputati użaw xi forma ta' vjolenza kontra l-istess parte civile; anzi x'ħin l-istess parte civile waqa' fl-art huwa u ħiereġ mill-każin, huma għenuh jipprova jqum mill-art. Għalhekk assolutament ma hemm xejn li jorbot il-ġrieħi indikati fiċ-ċertifikat mediku li inħareġ fir-rigward tal-parte civile fis-sigħat ta' wara l-inċident ma' xi azzjoni taż-żewġ imputati. Għalhekk il-Qorti sejra tgħaddi billi tillibera liż-żewġ imputati minn din l-imputazzjoni.

Għalkemm fid-dawl ta' din il-konklużjoni, mhux neċessarju għall-Qorti li tinoltra ruħha fuq jekk il-ġrieħi li ingħad li kellu l-istess parte civile kinux jikklasifikaw bħala ġrieħi gravi jew le, xorta temmen li għandha tissenjala xi aspetti f'dan ir-rigward. Fl-ewwel lok żgur li l-ġrieħi ma kinux gravi *per durata* għaliex n-pneumothorax li irriżultat meta l-parte civile daħal l-Isptar fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru 2023 ma kinitx għadha hemm fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru 2023. Dan għaliex minn X-Ray li ittieħed dakinhar tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru 2023 ma kien deher xejn. Allura l-parte civile ġie li fieq wara ħamest (5) ijiem. Lanqas ma ġie pruvat mil-lat mediku li din il-kundizzjoni setgħet iġġib xi debulizza permanenti fil-funzjoni tal-pulmun jew xi parti oħra tal-ġisem. Għalhekk fi kwalunkwe każ anke li kieku

verament ġie stabbilit li l-imputati ikkaġunaw xi ġrieħi lill-parte civile, mill-provi prodotti ma rriżultax li dawn il-ġrieħi kellhom xi waħda mill-kwalifiki identifikati fl-artikolu 216 u li għalhekk setgħu jiġu klassifikati bħala gravi.

### ***B. L-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (It-Tieni Imputazzjoni)***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Frendo*** deċiża fis-sebgħa (7) ta' Lulju 1994, il-Qorti tal-Appell Kriminali b'riferenza għall-kontravvenzjoni kontemplata fl-artikolu 339(1)(e) kienet irrimarkat li:

> *"theddida tfisser li l-aġent jipprospetta lil persuna oħra ħsara inġusta fil-futur (ħsara li pero' ma tkunx tammonta għal reat ieħor ikkontemplat band' ohra fil-Kodici, e.z. l-artikolu 249) liema ħsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta' ta' l-istess agent."*

Mill-provi prodotti fl-ebda ħin ma rriżulta li b'xi mod u manjiera ż-żewġ imputati heddew jew inġurjaw lill-istess parte civile. Lanqas il-parte civile stess ma jindika f'xi waħda mill-verżjonijiet li huwa ta li huwa kien ġie mhedded jew inġurjat mill-imputati. Isemmi biss l-allegata aggressjoni fiżika fuqu da parti tal-istess imputati, liema aggressjoni il-

Qorti ġia ikkonkludiet li ma kienx hemm. Għalhekk din l-imputazzjoni ma ġietx pruvata.

### C. ***L-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (It-Tielet Imputazzjoni)***

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Pace**,[3] il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet spjegat li:

> *"Din il-kontravvenzjoni kontra l-persuna sseħħ meta persuna tħebb kontra persuna oħra sabiex tinġurja, iddejjaq jew tagħmel ħsara lil dik il-persuna l-oħra jew lil ħaddiehor, kemm -il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali. Biex persuna tħebb kontra persuna oħra ma hemmx għalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fiżiku; biżżejjed li jkun hemm il-potenzjalita` ta' tali kuntatt permezz tal-manifestazzjoni ta' forza fizika indirizzata lejn dik il-persuna oħra. Forsi t-test Ingliz ta' din il-kontravvenzjoni jiddeskrivi aħjar il-kunċett ta' 'ħebb': '… attempts to use force against any person with intent to insult, annoy or hurt such person or others …' Jekk ikun hemm kuntatt fiżiku*

[3] Deċiża fid-9 ta' Mejju 1997

*multo magis wieħed jista' jgħid li wieħed ħebb għal persuna oħra, sakemm il-fatt ma jammontax għal xi reat ieħor jew reat aktar gravi"*[4]

Biex tirriżulta din il-kontravvenzjoni irid ikun hemm l-użu ta' forza fiżika bl-intiża li dak li jkun jinsulta, idejjaq jew jweġġa lil dik il-persuna. Għalkemm jista' jagħti l-każ li ż-żewġ imputati użaw forza fiżika sabiex il-parte civile joħroġ 'l barra mill-każin tal-football, ma jistax jingħad li dan sar bl-iskop li l-parte civile jiġi insultat, immolestat jew imweġġa'. L-iskop taż-żewġ imputati kif ġia ingħad kien biss li jipproteġu lill-familjari tagħhom u biex jevitaw l-inkwiet, in vista tal-atteġġjament aggressiv li beda juri l-istess parte civile waqt li kien fil-bar. Din il-kontravvenzjoni għalhekk ma rriżultatx lanqas.

### D. ***<u>Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (Ir-Raba' Imputazzjoni)</u>***

Kif irrimarkat il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Rocco D' Alessandro</u>**,[5] sabiex tinstab ħtija taħt għall-kontravvenzjoni ravviżata f-artikolu 339(dd) huwa fundamentali li "*jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba c-cirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ*

---

[4] Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Caven Cutajar</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Settembru 2020 kif wkoll **<u>Il-Pulizija vs David Farrugia</u>** deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Jannar 2022.

[5] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Mejju 2013 (Appell Kriminali Numru 223/2012). Riportata wkoll fis-sentenza fl-ismijiet ***<u>The Police vs Joseph Feilazoo</u>*** (Appell numru 44/2019) deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Mejju 2019.

*inissel imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l-inkolumita` fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita` ta' reazzjoni għal dak l-għemil. Naturalment dawn iċ-ċirkostanzi jridu jkunu tali li oġġettivament inisslu l-imsemmi nkwiet jew tħassib."*

L-imputati assolutament m'għamlu xejn li seta' nissel xi inkwiet jew tħassib fil-moħħ ta' dawk preżenti dwar l-inkoluminita fiżika tagħhom. Anzi huma riedu biss li jipproteġu lill-membri tal-familja tagħhom in vista tal-fatt li l-parte civile beda jġib ruħu b'mod aggressiv waqt li kien qiegħed fil-bar tal-każin tal-football. *Se mai* kien l-istess aġir tal-parte civile li nissel dan l-inkwiet fil-moħħ ta' dawk preżenti. Għalhekk din il-kontravvenzjoni ma irriżultax lanqas.

### *E. __L-Artikolu 339(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta__*

Fin-nota ta' rinviju ta' ġudizzju, l-Avukat Ġenerali indikat li din il-Qorti tista' tasal sabiex issib ħtija għall-kontravvenzjoni kontemplata fl-artikolu 339(1)(a) li jgħid li huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna kull min *"jistieden għall-ġlied bil-ġebel."* Din il-Qorti tinnota li din il-kontravvenzjoni qatt ma saret riferenza għaliha u fil-fatt lanqas biss tinsab indikata fiċ-ċitazzjoni. Il-fatt li dan ir-reat ma kienx indikat fiċ-ċitazzjoni jfisser li l-imputati qatt ma ġew akkużati bih **__u għalhekk__**

**qatt ma saret kumpilazzjoni dwaru**.[6] Bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jingħad li dan ir-reat huwa kompriż u involut f'xi wieħed mir-reati l-oħra li ġew indikati fl-istess nota. Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti mhux sejra tikkunsidra r-reat kontemplat taħt l-artikolu 339(1)(a) indikat f'paragrafu "b" tan-nota ta' rinviju tal-Avukat Ġenerali.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti **mhux qegħda issib lill-imputati Ruben Said u Ruben Camilleri ħatja** tal-akkużi kollha li ġew dedotti fil-konfront tagħhom u qegħda għalhekk tilliberahom minn kull ħtija u piena.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Joseph Grech
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Ghar-Reġistratur

[6] Ara f'dan is-sens sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Francesco sive Godwin Scerri*** deċiża fit-18 ta' April 2012 u ***Il-Pulizija vs Alfred Degiorgio*** deċiża fit-12 ta' Diċembru 2018.